FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)
ILLUM 19 TA' JANNAR 2017

Il-Pulizija

Spettur Jonathan Ransley

vs

Dimitri Di Grande

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' nazzjonalita' Taljana u detentur ta' numru fiscali Taljan DGRDTR88C23Z139P akkuzat talli

1. f'xi hin filghodu nhar it-13 ta' Gunju 2014 gewwa San Giljan, ikkometta serq ta' zewg mobiles u €70 minn Room Oak 1A, the Residence, Triq Ross, San Giljan, ghad-detriment ta' Fernandez Gomez Cesareo, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-hin;

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

L-imputat jinsab akkuzat b'serq ta' zewg telefons cellulari minn 'Oak', Room 1A, The Residence, Triq Ross, San Giljan.

In sostenn tal-akkuzi, l-prosekuzzjoni presentat sett fotogrammi u sett impronti digitali, gja elevati minn PS 36 Sergio Azzopardi mill-lok tas-serqa. Issa waqt li mill-fotogrammi ebda konkluzzjoni m'hi possibli li twassal ghall-identifikazzjoni ta' min verament ghamel is-serqa, mill-impronti digitali elevati kif fuq inghad, komparati mal-impronti digitali tal-imputat, permezz tal-espert minnha nominat, jirrizulta qbil mal-impronti dokumentati 13 BQK 301 u 302; dawn l-ahhar impronti kienu elevati mill-imsemmi PS Azzopardi, minn fuq tieqa tal-aluminium, mal-genb tal-bieb principali, kif indikat folio 112. Jigifieri, li ghalkemm dawn iz-zewg impronti kienu jaqblu mal-impronti tal-imputat, huma nstabu fuq barra l-appartament minn fejn gew nieqsa c-cellulari.

L-imputat xehed. Mix-xhieda tieghu l-oneru tal-prova, ossija dik tal-probabbli, tinsab sodisfatta. Ghaldaqstant, u la darba hu hekk, tillibera l-imputat minn kull htija u piena.

A.M. Trigona
Magistrat